MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Numru 609/1993

**Il-Pulizija**

**vs**

**Aaron Camilleri**

**Joseph Camilleri**

**Mary Camilleri**

Il-Qorti,

Wara li rat illi l-imputati:

Aaron Camilleri ta’ 15-il sena, iben Francis u Mary nee` Ellul, imwieled Pieta` fis-26 ta’ Awwissu 1978 u joqghod Casa Terezina, Triq il-Muzika, l-Iklin;

Joseph Camilleri ta’ 19-il sena, bin Francis u Mary nee` Ellul, imwieled il-Pieta` fid-9 ta’ Frar 1974 u joqghod Terezina House, Triq il-Muzika, l-Iklin, Numru tal-Identita` 153874(M); u

Mary Camilleri ta’ 42 sena, bint il-mejje t Emanuel u Giuseppa nee` Attard, mart Francis, imwielda B’Kara fil-11 ta’ Marzu 1951 u toqghod Casa Terezina, Triq il-Muzika, L-Iklin, numru tal-identita` 274051(M).

Akkuzati:-

Lil **Aaron Camilleri**, talli fis-7 ta’ Awwissu 1992, ghall-habta tal-5.30 p.m. gewwa tal-Balal Road, limiti tan-Naxxar, saq vettura numru C-1665 tat-tip Ford Anglia meta ma kellux licenzja tas-sewqan;

(ii) saq l-istess vettura meta ma kienx kopert b’polza ta’ assigurazzjoni, dana bi vjolenza tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

iii) minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u b’nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti (Art. 225 tal-Kap. 9), ikkaguna l-mewt ta’ Greta Zammit ta’ ghaxar xhur;

iv) ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq Anthony Zammit skond ma ccertifikat it-tabiba Borg Cauchi M.D. tal-Casualty Department tal-Isptar San Luqa;

v) ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq Rita Zammit, mart Anthony, skond ma ccertifikat it-tabiba Shirley Farrugia M.D. tal-Casualty Department tal-Isptar San Luqa;

vi) ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq Lynn Zammit ta’ ghaxar xhur, bint Anthony, skond ma ccertifikat it-tabiba Rosalie Sant M.D. tal-Casualty Department tal-Isptar San Luqa;

vii) ikkaguna hsara fuq vettura numru U-6910 tat-tip Skoda, a skapitu ta’ Anthony Zammit;

viii) saq l-istess vettura numru C-1665 meta l-licenzja taghha ma kinitx rinovata, b’hekk ma setghetx tintuza fit-triq.

Lil **Joseph Camilleri** talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, bhala proprjetarju tal-vettura numru C-1665, ippermetta lil huh minuri, Aaron, isuq l-istess vettura meta dan ma kellux licenzja tas-sewqan;

ii) meta dan ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni, bi vjolenza tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

iii) meta l-istess vettura C-1665, ma kinitx licenzjata sabiex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinovata);

iv) minhabba imprudenza u negligenza, meta halla f'idejn huh minuri, il-vettura C-1665 waqt li din kienet qed tigi rmunkata, ikkaguna l-mewt ta' Greta Zammit, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq Anthony Zammit, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq Rita u Lynn Zammit;

v) ikkaguna hsara fuq vettura numru U-6910, tat-tip Skoda a skapitu ta' Anthony Zammit;

vi) ikkommetta r-reat kontemplat fl-Artikolu 111(2) tal-Kap. 9.

Lil **Mary Camilleri** talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, din kienet qed tirmonka l-Anglia numru C-1665 permezz ta' vettura Peugeot 106 bin-numru A-4905, meta kienet taf li kien qed isuqha binha minuri, Aaron. Ghaldaqstant, hi kienet similament responsabbli bhal binha Joseph Camilleri ghal kull ma sehh f'dik l-okkazzjoni, bl-eskluzjoni tal-fatt li l-Anglia numru C-1665 ma kellhiex licenzja rinovata billi dwar dan m'hemmx il-prova li Mary Camilleri kienet taf.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti inkluz in-Nota tal-Avukat Generali tad-29 ta' Dicembru 1994[1], fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi u dan fil-konfront tal-imputati kollha:

a) Fl-Artikoli 3(1) tal-Kap. 104; 15(1)(a)(2)(3) u 18(2) tal-Kap. 65; 111(2), 225, 226, 328 u 533 tal-Kap. 9.

[1] A fol. 141 tal-process.

Rat illi waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 1995[2], l-imputati iddikjaraw illi huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[3];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputati pprezentatha fit-30 ta' Ottubru 2013. Rat ukoll illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma ssottomettietx in-nota taghha.

**Ikkunsidrat**:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fis-7 ta' Awwissu 1992, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-8 ta' April 2013.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti:

1. Nhar is-7 ta' Awwissu 1992, sehhet habta bejn zewg vetturi gewwa Tal-Balal Road, Naxxar, ossia bejn vettura tal-marka Ford Anglia bin-numru ta' registrazzjoni C-1665 u vettura tal-marka Skoda bin-numru ta' registrazzjoni U-6910 u dan waqt illi l-ewwel vettura kienet qeghda tigi rmunkata minn vettura ohra tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni A-4905.

2. Il-vettura tal-marka Skoda kienet misjuqa minn Anthony Zammit, u flimkien mieghu kien hemm martu Rita Zammit bhala passiggiera fuq

[2] A fol. 144 tal-process.
[3] A fol. 285 tal-process.

quddiem, u fuq wara kien hemm uliedhom tewmin ta' ghaxar xhur, Lynn u Greta, li sussegwentement mietet gewwa l-Isptar San Luqa, fl-24 ta' Awwissu 1992, b'konsegwenza tal-feriti li garrbet f'dan l-incident, binthom l-ohra Janice Zammit ta' tliet snin u n-neputija, Erica Zammit ta' tnax-il sena.

3. Il-vettura tal-marka Ford Anglia kienet misjuqa mill-imputat Aaron Camilleri, fil-waqt illi fil-vettura tal-marka Peugeot kien hemm l-imputat l-iehor Joseph Camilleri.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti ser tikkunsidra l-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tal-imputat Aaron Camilleri.

Jirrizulta car mic-certifikat tat-twelid tal-istess Aaron Camilleri[4], illi dakinhar tal-incident mertu tal-kawza, huwa kellu biss tlettax-il sena. Fiz-zmien li sehh l-incident odjern, l-Artikolu 35 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien jghid hekk:

*"(1) Il-minuri ta' taht id-disa' snin ikunu ezenti minn responsabbilta` kriminali ghal kull att jew nuqqas*.

*(2) Il-minuri ta' taht l-erbatax il-sena jkunu wkoll ezenti minn responsabbilta` kriminali ghal kull att jew nuqqas maghmul bla hazen."*

Illum, permezz tal-Att III tal-2014, l-istess artikolu tal-ligi gie sostitwit biex b'hekk is-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 35 gie jaqra hekk dwar minuri ta' taht l-erbatax-il sena:

[4] Esebit a fol. 8 tal-process.

*"Bla ħsara għas-setgħat tal-Ministru taħt l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) u għal kull liġi oħra li minn żmien għal żmien tkun tipprovdi dwar miżuri ta' protezzjoni, għajnuna, ħarsien u edukazzjoni ta' persuni minorenni li jkunu ġew identifikati bħala persuni li kkommettew delitti jew kontravvenzjonijiet, <u>il-minuri ta' taħt l-erbatax-il sena jkunu eżenti minn responsabbilità kriminali għal kull att jew nuqqas</u>"* [sottolinear mizjud].

Illi kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-21 ta' Frar 1920, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Agostino Bugeja**</u>:

*"Attesocche nella moderna dottrina circa l'effetto retroattivo delle leggi penali sono principi che piu` non si discutono, e sono anche sanzionati dalla maggior parte delle legislazioni, i seguenti:-*

1. *La legge penale non puo` avere effetto retroattivo, nel senso che nessuno puo` essere punito per un fatto che secondo la legge del tempo in cui fu commesso non era contemplato e punito come reato;*

2. *<u>Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e` piu` mite di quella stabilita dalla legge vigente al tempo della commissione del reato la prima legge viene applicata retroattivamente</u>;*

3. *Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e` piu` severa della legge vigente al tempo della commissione del reato, si giudica secondo quest'ultima legge*" [sottolinear mizjud].

Huwa car illi l-Artikolu 35 kif emendat, huwa izjed favorevoli ghall-imputat Aaron Camilleri, tant illi la darba huwa kellu tlettax-il sena meta sehh l-incident de quo, permezz tal-ligi llum vigenti, huwa ezenti minn responsabbilta` kriminali ghal kull att jew nuqqas tieghu. Ghaldaqstant, hija din il-ligi li ghandha tapplika l-Qorti fir-rigward tal-istess imputat u ghalhekk il-procediment fir-rigward tieghu qed jigi dikjarat ezawrit.

<u>**L-Artikolu 225 tal-Kap. 9**</u>

L-ewwel akkuza li ser tikkunsidra l-Qorti fir-rigward tal-imputati l-ohrajn hija dik taht l-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ossia dik ta’ omicidju involontarju.

Fis-seduta tas-16 ta’ Novembru 1993, **it-Tabib Victor Theuma**[5] xehed illi huwa kien ezamina lil Greta Zammit, wahda mit-tewmin, fis-7 ta’ Awwissu 1992 ghall-habta tal-5.30 p.m. jew is-6.00 p.m., meta kien stazzjonat gewwa d-dipartiment tal-*casualty.* Meta ddahlet l-isptar, din it-tarbija ma kellha l-ebda sinjali ta’ hajja, kienet *limp* u l-ebda muskolu ma kien qed jiffunzjona. Il-*pupils* ta’ ghajnejha kienu *fixed* kif ukoll *dilated.* Ix-xhud qal illi ma kinitx qeghda tiehu nifs u lanqas sab evidenza ta’ *heartbeat.* Meta t-tarbija giet ezaminata, ma nstabux griehi esterni hlief tbengila fuq l-*upper neck* fuq ix-xellug, kif ukoll vicin il-*jaw.* Skond l-istess xhud, wisq probabbilment din it-tbengila giet ikkawzatha mis-*seat belt.*

Ix-xhud qal ukoll illi l-impressjoni li kellu kienet li t-tarbija kienet mejta, izda bl-uzu tad-droga irnexxielhom igibu l-qalb thabbat. Sussegwentement, hija tnizzlet gewwa l-i*Special Care Baby Unit* u nzammet fuq ventilatur. Lit-tarbija kienu diga` ttehdulha xi *x rays* u minn dawn kien irrizulta illi kien hemm ksur u dislogazzjoni tal-ewwel u t-tieni rkiekel tal-ghonq. Huwa ma kompliex isegwi l-kaz wara li t-tarbija dahlet fil-*Unit.*

L-istess Tabib Theuma xehed ukoll quddiem l-esperti teknici fil-mori tal-inkjesta relattiva, fis-seduta tal-5 ta’ Frar 1993. Huwa qal illi Joseph Camilleri kellu biss *shock* li setghet kienet qatgha u ma kien hemm l-ebda evidenza ta’ *external injury.* Qal ukoll illi jaf fic-cert illi Joseph Camilleri dahal hafna wara li dahlu l-ohrajn. Dan ix-xhud qal ukoll illi lil Aaron Camilleri kien ezaminah Dr. Kenneth Grixti, izda qal illi huwa jiftakar illi dan kellu ferita li kienet sitwata fuq in-naha tal-lemin ta’ mohhu.[6]

[5] A fol. 32 sa 35 tal-process.
[6] A fol. 72 u 73 tal-*proces verbal*.

Fis-seduta tas-16 ta' Novembru 1993 xehed ukoll **il-Perit Richard Aquilina**[7], li spjega illi huwa kien espleta l-inkarigu lilu moghti mill-Magistrat Inkwirenti billi esebixxa quddiem l-espert tat-traffiku Dr. Joseph Micallef Stafrace[8], pjanta tal-incident. Huwa kkonferma illi l-pjanta li tinsab esebita a fol. 109 tal-*proces verbal*[9] hija s-*site plan* tal-incident in ezami, fuq liema pjanta jidhru l-vetturi involuti fl-incident in ezami, kif kien sabhom huwa meta acceda fuq il-post.

Fis-seduta tas-16 ta' Novembru 1993 xehdu konguntivament **Dr. Joseph Micallef Stafrace** u **Joseph Zammit**[10] fis-sens illi sabiex jespletaw l-inkarigu lilhom moghti mill-Magistrat Inkwerenti fil-process tal-inkjesta relatata ma' dan il-kaz, huma pprezentaw relazzjoni konguntiva li giet redatta minnhom flimkien bhala espert tat-traffiku u espert tekniku ossia mekkaniku rispettivament, liema relazzjoni tinsab esebita a fol. 27 sa 49 tal-*proces verbal.*

Fir-relazzjoni taghhom, dwar il-lokalita` u x-xena tal-incident, l-esperti msemmija, illi skond l-istess relazzjoni accedew fuq il-post tal-incident ftit hin wara li dan sehh[11], jghidu illi l-incident gara fi triq tal-Balal, Naxxar quddiem il-Makaw *Car Wash* li jigi fuq in-naha tax-xellug ghal min ikun sejjer fid-direzzjoni minn Naxxar lejn San Gwann. Hawnhekk it-triq hija dritta. Il-karreggjata hija miksija bil-*hot asphalt* u hi prattikament wita ghalkemm taqleb naqra lejn in-Naxxar, kienet xotta u ma kien hemm ebda *brake marks* fiha.

Fl-ewwel access mizmum mill-esperti msemmija, huma nnutaw illi fin-naha l-ohra tat-triq minn fejn hemm il-Makaw *Car Wash*, fit-triq lejn in-Naxxar, fil-*proper side* taghha u fi triqtha lejn in-Naxxar, kien hemm Skoda Foreman Station Wagon bin-numru ta' registrazzjoni U-6910 b'daqqa qawwija frontali b'mod li d-*dashboard* tela' u resaq lejn is-*seats*, l-i*steering column* telghet u l-*wheel* f'parti minnha ntniet.[12] Fir-*rear seat* kien hemm zewg *baby car seats.* Il-*windscreen* tal-iSkoda kien ghanqbut u f'xi parti bbuzzat il-barra. Skond l-istess

---

[7] A fol. 36 sa 37 tal-process.
[8] Din il-pjanta giet hekk esebita mill-Perit Richard Aquilina fis-seduta mizmuma mill-espert tat-traffiku fit-23 ta' Settembru 1992 (a fol. 62 tal-*proces verbal*).
[9] Il-*proces verbal* jinsab inserit a fol. 29 tal-process.
[10] A fol. 38 u 39 tal-process.
[11] A fol. 32 tal-*proces verbal.*
[12] Din il-hsara tidher fir-ritratt numru 15 esebit flimkien ma' sett ta' ritratti a fol. 17 tal-*proces verbal.*

relazzjoni, din il-vettura Skoda kienet kraxxjata frontalment fuq Station Wagon Anglia bin-numru ta' registrazzjoni C-1665. Din tal-ahhar ukoll kellha daqqa frontali tremenda, b'kollox imfattar lura. Il-*windscreen* kien *shattered.*

L-isfel mill-Makaw *Car Wash* u mal-hajt tieghu, wiccha lejn San Gwann, kien hemm karozza ohra tal-marka Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni A-4905 li kellha *towrope* tan-*nylon* marbut fuq wara mil-lemin. Dan kien imcarrat wara certu tul. Skond l-istess esperti, kien jidher illi l-*Peugeot* kienet qeghda tirmonka lil Anglia u l-habel tqaccat minn vicin l-Anglia.

Fit-tieni access mizmum mill-istess esperti u waqt illi permezz ta' *Lowloader* gew zgancati iz-zewg vetturi u cioe` l-iSkoda u l-Anglia, huma setghu jinnotaw illi mar-rota tal-lemin ta' quddiem tal-Anglia kien hemm *tow rope* imhabbel. Dan il-habel kien imqabbad mal-i*stabilizer* ta' quddiem ta' hdejn ir-rota tal-lemin.

L-espert Dr. Joseph Micallef Stafrace ha x-xhieda ta' **PS 836 Alexander Taliana**[13], ftit sighat wara li sehh l-incident de quo. Huwa qal illi huwa gie msejjah sabiex imur fuq il-post ghall-habta tal-5.30 p.m., meta kien xoghol gewwa l-Ghassa tan-Naxxar. Huwa wasal fuq il-post qabel ma waslu l-ambulanzi (li kien cemplilhom hu stess mill-Ghassa tan-Naxxar) u hemmhekk sab li kienu nvoluti fl-incident awtomobilistiku, vettura Skoda bin-numru U-6910 misjuqa minn Anthony Zammit, vettura Anglia bin-numru C-1665 misjuqa minn Joseph Camilleri u vettura Peugeot bin-numru A-4905 misjuqa minn Mary Camilleri. Irrizultalu illi fl-Anglia bhala *front seat passenger* kien hemm Aaron Camilleri. Gewwa l-i*Skoda* kien hemm, hdejn ix-xufier, Rita Zammit (mart ix-xufier), u fuq wara t-tliet uliedhom, Janice ta' tliet snin u tewmin ta' ghaxar xhur, Greta u Lynn. Fuq wara kien hemm ukoll Erika Zammit ta' tnax-il sena, in-neputija tax-xufier. Huwa qal illi dawn wegghu kollha u li huwa sabhom migbura fil-Makaw *Car Wash* u minn hemm tghabbew f'zewg ambulanzi li haduhom l-isptar. Huwa spjega wkoll illi mar l-isptar u gabar informazzjoni

[13] A fol. 53 sa 55 tal-*proces verbal.*

dwar in-nies li kien weggghu, kif ukoll dwar il-feriti relattivi li ssubew u t-tobba rispettivi li kienu ezaminawhom.

Waqt li kien l-isptar, PS 386 Alexander Taliana tkellem ma' Anthony Zammit, ix-xufier tal-iSkoda, kif ukoll mal-imputati Joseph Camilleri u Mary Camilleri. Joseph Camilleri – li x-xhud jiddeskrivih bhala x-xufier tal-Anglia – qallu li kienet qed tirmunkah ommu bil-Peugeot u illi meta waslu ftit metri l-boghod mill-Makaw, l-*isteering* gie iebes hafna bil-konsegwenza li tilef il-kontroll u habat mal-vettura gejja mid-direzzjoni opposta. Mary Camilleri, omm l-imputat Joseph Camilleri, qaltlu illi semghet il-habel jinqata' u f'sekondi semghet id-daqqa.

L-imputati Joseph Camilleri, Mary Camilleri u Aaron Camilleri ghazlu illi ma jixhdux quddiem l-esperti.

F'seduta mizmuma fid-9 ta' Settembru 1992, quddiem l-istess esperti xehed **Anthony Zammit**[14]. Huwa qal illi nhar is-7 ta' Awwissu 1992, xi l-5.30 p.m., kien qed isuq il-vettura Skoda Foreman nru. U-6910 fit-triq tal-Balal, limiti tan-Naxxar, quddiem il-*car wash*, sejjer lejn in-Naxxar. Quddiemu ma kellux traffiku. Fil-karozza mieghu kellu lil martu hdejh, lit-tewmin marbutin fil-*car seat* fuq wara u bil-qeghda fuq wara bejn il-*baby seats* kien hemm Janice, bintu, u n-neputija Erica Zammit. Huwa qal illi minn faccata kien gej it-traffiku. Hekk kif wasal hdejn il-*car wash* ra Anglia ta' lewn blu, tohrog il'barra mit-traffiku ta' quddiemha u giet fi triqtu. Harget lateralment b'sahha. Xehed illi dak il-hin huwa bbrejkja u l-Anglia baqghet gejja *head on* u taghtu daqqa. Mad-daqqa tal-Anglia, hass daqqa ohra ta' habel jinqata' ossia hass skoss iehor.

Qal ukoll illi huwa hareg mill-vettura u ra Peugeot 'l isfel minnu wieqfa n-naha l-ohra tat-triq b'bicca habel u katina fuq wara. Fuq quddiem mal-Anglia ra l-habel. Persuna ossia ragel ta' xi dsatax-il sena, mar jigri mill-Peugeot lejn l-

[14] A fol. 58 sa 60 tal-*proces verbal.*

Anglia u mill-Anglia hareg minn wara l-i*steering*, tifel ta' xi erbatax-il sena. Qal illi gewwa l-Anglia kien hemm persuna wahda u mbaghad gie il-guvnott mill-Anglia [hawnhekk ried jghid mill-Peugeot] u hareg lill-iehor mill-Anglia. Ix-xhud qal ukoll illi s-sid tal-*car wash* hareg u qal lill-guvnott biex ma jmissux (b'referenza ghal dak li kien wara l-i*steering wheel* fl-Anglia), ghax jista' jkollu xi ksur, ghal liema kliem il-guvnott wiegeb lil sid il-*car wash* "*ser nohorgu ghax dak m'ghandux licenza*". Il-guvnott hareg lill-iehor mill-vettura.

Zammit xehed illi t-tarbija Greta garrbet *whiplash* u mietet fl-24 ta' Awwissu 1992 gewwa l-Isptar San Luqa.

Anthony Zammit rega' xehed quddiem l-esperti teknici fis-seduta tal-4 ta' Frar 1993[15]. Huwa indika lil Aaron Camilleri bhala dak li kien qed isuq l-Anglia li dahlet fuqu u li kellu d-demm f'rasu u qal li dan kien fl-Anglia wahdu. Ix-xhud qal ukoll illi huwa ra ragel hiereg mill-Peugeot. Hawhekk huwa kien qed jirreferi ghall-Joseph Camilleri. Zammit qal illi Joseph Camilleri gie jigri johrog lil Aaron Camilleri mill-Anglia. Lil Joseph Camilleri ma ralu ebda drib. Qal ukoll biex ikun preciz, illi huwa ra lill-istess Joseph Camilleri gej mid-direzzjoni tal-Peugeot u mhux hiereg minnha. Huwa lahqu jinqala minn hdejn din il-vettura u dan min-naha tal-lemin taghha. Zammit qal ukoll illi huwa ma jidhirlux illi ra ohrajh hdejn il-Peugeot, izda huwa baqa' hdejn il-vettura tieghu. Qal illi ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jghid min kien hemm fil-Peugeot.

L-istess Anthony Zammit xehed f'dawn il-proceduri fis-seduta mizmuma fl-24 ta' Novembru 1993.[16] Ix-xhud rega' kkonferma x-xhieda moghtija minnu quddiem l-esperti fil-mori tal-inkjesta u qal ukoll illi fil-Peugeot, apparti lill-imputat Joseph Camilleri, ma ra lil hadd aktar u li fuq il-post tal-incident, huwa fl-ebda hin ma ra lill-imputata Mary Camilleri. Ix-xhud gharaf lill-persuna li marret tigri mill-Peugeot lejn l-Anglia u li mill-Anglia hareg tifel minn wara l-

[15] A fol. 68 u 69 tal-*proces verbal*.
[16] A fol. 57 sa 65 tal-process.

i*steering wheel* bhala l-imputat Joseph Camilleri u lit-tifel li ra hiereg minn wara l-i*steering wheel* bhala l-imputat Aaron Camilleri.

Dwar il-feriti mgarrba, huwa qal illi l-mara tieghu kienet mitlufa minn sensiha dak il-hin. Wahda mit-tewmin li baqghet hajja giet mahruga min-nies mill-vettura u t-tewmija l-ohra, li llum hija mejta, harigha persuna mill-vettura wkoll. In-neputija tieghu, Erica u bintu l-ohra Janice, ma kellhomx feriti, izda kellhom biss *shock.* It-tewmija, Lynn, ma kellha xejn ukoll. Wara l-incident, meta huwa ra lil Greta, din kienet ghadha fil-*car seat* fejn kienet originarjament, ma ra l-ebda ferita fuqha, izda kienet mitlufa minn sensiha. Wara l-incident, Greta ghamlet tmintax-il gurnata gewwa l-isptar fuq il-magni, imbaghad mietet. Ukoll wara l-incident, il-mara tieghu bdiet tara psikjatra, Dr. Peter Muscat u kienet ghadha tmur ghandu sa dakinhar tax-xhieda tieghu.

Zammit jghid ukoll illi meta ntlaqat mill-Anglia, huwa kien fi triqtu fuq is-*side* tieghu u jikkalokola li meta gara l-incident huwa kien ghaddej b'velocita` ta' madwar 35 jew 40 kilometru fis-siegha. Ix-xhud qal ukoll illi fir-rigward tal-iSkoda, din giet dikjarata *total loss* u hu kien bieghha bhala *scrap*, bil-prezz ta' Lm650. Huwa kien xtara l-vettura fi Frar tal-istess sena tal-incident. Fis-seduta mizmuma fit-28 ta' Jannar 1994, Anthony Zammit esebixxa vera kopja ta' dikjarazzjoni maghmula mill-*motor car surveyor* Joseph Buttigieg, minn fejn jirrizulta illi l-vettura Skoda U-6910 giet *written off*. Din il-vettura kienet giet manifatturata fis-sena 1991.[17]

Fis-seduta mizmuma mill-esperti teknici fid-9 ta' Settembru 1992, xehdet ukoll **Rita Zammit**[18] li qalet illi waqt l-incident hija kienet *front seat passenger* u li fuq quddiem, huma ma kellhomx *safety belt.* Mad-daqqa hija kissret wiccha mal-*windscreen* u ntilfet. Qalet ukoll illi kienu waslu hdejn il-*car wash*, rat zewg karozzi nezlin u wahda, blu, harget f'salt ghal quddiemhom u sehhet il-habta.

---

[17] Ix-xhieda tinsab a fol. 99 u 100 tal-process; id-dokument jinsab esebit a fol. 101.
[18] A fol. 60 u 61 tal-*proces verbal.*

L-istess Rita Zammit xehdet quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-seduta tal-24 ta' Novembru 1993.[19] Hija qalet illi fis-7 ta' Awwissu 1992, kienu sejrin l-Armier u maghha kien hemm zewgha, it-tlett itfal taghhom u n-neputija. Kien qed isuq il-vettura taghhom, Skoda, zewgha fil-waqt li hi kienet fl-istess vettura fuq is-*seat* tal-passiggier vicin ir-ragel. It-tewmin kienu fuq is-siggu taghhom marbutin, waqt illi z-zewgt ibniet l-ohra kien bil-qieghda bejn iz-zewg *car seats.* Meta kienu waslu fit-triq ta' Tal Balal, f'daqqa wahda rat karozza celesti gejja ghal fuqhom. Ma kinitx tiftakar iktar. Ix-xhud tghid illi mad-daqqa li tathom din il-karozza, hija hadet daqqa mal-*windscreen* u intilfet minn sensiha. Giet f'sensiha meta kienet diga` l-isptar u hemmhekk damet tlett ijiem.

Fis-seduta mizmuma mill-esperti fl-14 ta' Novembru 1992, xehed **John Camilleri**[20] u cioe` sid il-*car wash*. Huwa qal illi meta sehh l-incident quddiemu, huwa hareg jaghti l-ghajnuna. Huwa kien qieghed fl-ufficju u mal-hoss hareg jigri. Huwa ra f'xulxin iz-zewg vetturi. In-nies kienu ghadhom gewwa l-vetturi li habtu, izda huwa lemah ix-xufier tal-iSkoda hiereg minn wara s-*seat* tax-xufier jibki u jghajjat "*X'garali, x'garali*". Huwa ra mara fil-*front passenger seat* li kienet mitlufa minn sensiha u fuq wara kien hemm zewgt itrabi, kull wahda f'*car seat*, tifla ta' xi ghaxar snin u ohra ta' xi erba' snin. Mieghu lahaq xufier ta' karozza li hareg it-tarbija l-midruba u lit-tarbija l-ohra nehhielha l-qfiel huwa stess.

Dan ix-xhud qal illi huwa hares ukoll fil-vettura blu Anglia u fiha kien hemm guvnott, b'wiccu kollu demm jinghi, wara l-i*steering wheel.* F'dik il-vettura ma kien hemm hadd izjed. F'dak il-waqt illi huwa kien qed ihares lejn il-guvnott, gie jigri guvnott xaghru twil mid-direzzjoni ta' San Gwann ghal fuq ix-xufier tal-Anglia u huwa qallu sabiex ma jmissux sakemm tigi l-ambulanza. Da parti tieghu, dan il-guvnott wiegbu "*ha nohorgu, ghax anqas licenza m'ghandu*". Huwa gharaf lil dan il-guvnott bhala Joseph Camilleri. Ix-xhud spjega wkoll illi minkejja illi huwa kien qal lil dan il-guvnott biex ma johrogx lil dak li kien ferut

[19] A fol. 66 sa 68 tal-process.
[20] A fol. 63 sa 65 tal-*proces verbal.*

fl-Anglia, huwa hargu xorta wahda u poggih fejn hemm id-dhul ghall-*car wash*. Huwa qal illi l-guvnott li kien wara l-i*steering wheel* ma kellux izjed minn sittax-il sena. Huwa ha t-tarbija midruba f'idu u f'vettura ta' haddiehor mar gewwa l-Isptar, bit-tarbija u ohtha ta' erba' snin. Wara li gie muri lil Aaron Camilleri, ix-xhud qal illi dan kien il-guvni li kien wara l-i*steering wheel* b'wiccu bid-demm.

L-istess John Camilleri xehed matul dawn il-proceduri fis-seduta mizmuma fis-16 ta' Novembru 1993[21]. Qal illi huwa kien fil-*car wash* u hekk kif sema' daqqa, huwa hareg mill-ufficju, mar ihares barra u mar jaghti l-ghajnuna. Ra zewg vetturi *head on* f'xulxin – Skoda Station Wagon li kienet gejja mid-direzzjoni ta' Tal-Balal u l-ohra – Anglia – gejja mid-direzzjoni tan-Naxxar. Din tal-ahhar kienet tinsab fuq in-naha hazina tat-triq, jigifieri fuq ix-xellug tat-triq inti u gej minn Naxxar. Il-vettura l-ohra kienet fejn suppost kienet.

Dwar l-Anglia, ix-xhud qal illi gewwa fiha huwa ra guvnott kollu demm u meta mar fuq l-Anglia, kien hemm biss dan il-guvnott. Qal illi minghalih li dan il-guvnott kien bilqieghda fuq quddiem tal-vettura fuq il-lemin, jigifieri wara l-*isteering wheel.* Fil-fatt kien bil-qeghda fuq in-naha fejn hemm il-hajt tas-sejjiegh. Huwa qal illi ma kienx qed jiftakar jekk l-i*steering* tal-Anglia kienx fuq ix-xellug jew fuq il-lemin, izda kien cert illi l-guvnott kien bil-qeghda fuq in-naha tal-lemin tal-karozza. Huwa gharaf lil dan il-guvnott bhala l-imputat Aaron Camilleri. Qal illi bejn il-hin illi huwa hareg mill-*car wash* u wasal hdejn l-Anglia u ra lill-guvnott go fiha, ma kinitx ghaddiet lanqas minuta. Huwa mbaghad spjega kif dak il-hin gie guvnott iehor warajh, mid-direzzjoni ta' Tal-Balal, liema guvnott – li huwa gharfu bhala l-imputat Joseph Camilleri - mar biex johrog lill-ewwel wiehed mill-vettura, u ghalkemm huwa qallu biex ma jmissux, dan Joseph Camilleri insista li johrog lil huh mill-vettura. Huwa staqsieh ghaliex kien ser johorgu u dan qallu li dak lanqas licenzja m'ghandu u ghandu johrog mill-vettura.

21 A fol. 40 sa 48 tal-process.

John Camilleri kkonferma x-xhieda moghtija minnu quddiem l-espert mekkaniku Dr. Joseph Micallef Stafrace.

Fl-istess seduta mizmuma mill-esperti teknici xehed ukoll **Joseph David Casolani**[22], li qal illi huwa kien fil-*car wash*, ihares "*blankly*" lejn it-triq meta f'daqqa wahda ra zewg vetturi "*oncoming*" f'xulxin. L-isfel ra wkoll vettura, b'habel marbut fuq wara. Huwa spjega li kien qieghed max-xellug fil-*car wash*, faccata tieghu kien hemm iz-zewg vetturi mahbuta u l-isfel max-xellug tieghu, kien hemm il-vettura bil-habel marbut maghha.

Ix-xhud spjega illi huwa qasam it-triq jigri u ra *front passenger* gewwa l-iSkoda, mitlufa minn sensiha u warajha, tarbija f'*car seat*, maqfula, bid-demm f'halqha. Huwa avvicina l-*windscreen* tal-Anglia u ra tifel b'wiccu kollu demm. Huwa jghid illi dak il-hin ghazel li jmur ghat-tarbija. Fetah il-bieb ta' wara tax-xellug tal-iSkoda u rnexxielu jholl il-qfil. Huwa qal illi t-tifla kellha d-demma hiereg minn halqha, ghajnejha cassi. Hadha f'idu u poggiha wiccha 'l isfel, biex ma tifgax fid-demm. Huwa mar fil-*car wash,* u hadhielu xi hadd. Huwa qal illi waqt li kien qed jigri dan kollu, gie guvnott minn naha ta' isfel tat-triq – li huwa indika bhala Joseph Camilleri u hareg lill-iehor mill-Anglia. L-Anglia kienet qed tinstaq minn Aaron Camilleri u fil-waqt li dan kellu wiccu kollu dmija u poggewh bil-qieghda fil-*car wash*, l-iehor ma kellu xejn. Ix-xhud qal illi fuq il-post, il-guvnott il-kbir beda jghid illi l-Anglia kien isuqha hu u hu irrealizza li ser issir sostituzzjoni ta' persuna u allura qghad izjed attent li jzomm *mental record* ta' din il-haga.

Joseph David Casolani xehed f'dawn il-proceduri fis-seduta tal-24 ta' Novembru 1993.[23] Huwa kkonferma x-xhieda tieghu quddiem l-espert tekniku fil-mori tal-inkjesta u xehed illi t-tarbija li kienet tidher feruta kienet fuq in-naha ta' fejn kien hemm bil-qieghda ommha, jigifieri t-tarbija kienet qeghda wara ommha. Huwa mexa lejn l-Anglia u fiha ra tifel b'wiccu mfarrak mal-

---

[22] A fol. 66 u 67 tal-*proces verbal*.
[23] A fol. 69 sa 74 tal-process.

*windscreen.* It-tifel kien wahdu fl-Anglia u bil-qieghda fuq is-*seat* tax-xufier. Huwa gharaf lit-tifel bhala l-imputat Aaron Camilleri. Ix-xhud spjega illi huwa hareg lit-tarbija midruba mill-vettura. Qal illi lill-imputat Joseph Camilleri rah fuq il-post, izda meta gara l-incident, l-imputata Mary Camilleri ma kinitx fuq il-post, u jekk marret, marret izjed tard. Meta ra lil Joseph Camilleri, dan kien qed idewwi lil huh Aaron.

Fis-seduta tal-24 ta' Novembru 1993, xehed **Dr. Salfraz Ali**[24] li kkonferma illi flimkien mal-Professoressa Maria Therese Camilleri, huwa kien issottometta ir-relazzjoni tieghu fir-rigward ta' awtopsja li saret fuq Greta Zammit, li mietet fl-24 ta' Awwissu 1992 f'xi 2.30 a.m. u li l-kawza tal-mewt tal-istess Greta Zammit kienet "*fractured dislocation of cervical vertebrae and necrosis of the brain.*"

Fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 1993, xehdet il-**Professoressa Marie Therese Camilleri**[25], li spjegat illi in esekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilha u lit-tabib Dr. Salfraz Ali, huma pprezentaw ir-relazzjoni taghhom in rigward l-awtopsja esegwita quddiem il-Magistrat Inkwirenti, liema relazzjoni tinsab esebita a fol. 20 tal-*proces verbal.* Hija kkonfermat illi l-konkluzjoni taghhom dwar il-kaz in ezami kienet illi l-kawza tal-mewt kienet *fractured dislocation of cervical vertebrae and necrosis of the brain.*

Fis-seduta tal-24 ta' Novembru 1993, xehed ukoll **PC 516 Alfio Borg**[26], li qal illi in esekuzzjoni tan-nomina tieghu bhala espert fotografiku, huwa esebixxa 20 ritratt quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-2 ta' Ottubru 1992. Dawn ir-ritratti jinsabu esebiti a fol. 17 tal-*proces verbal.*

Fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 1993, xehed it-tabib **Dr. Mark Bailey**[27], li spjega illi huwa s-*senior registrar* gewwa l-i*Special Care Baby Unit* fl-isptar San Luqa.

[24] A fol. 51 u 52 tal-process.
[25] A fol. 84 u 85 tal-process.
[26] A fol. 56 tal-process.
[27] A fol. 77 sa 79 tal-process.

Ix-xhud qal illi huwa ra lit-tarbija l-ewwel darba l-ghada li ddahhlet u cioe` fit-8 ta’ Awwissu 1992 u waqt li kienet fil-*unit,* huwa kien jaraha kwazi kuljum. It-tarbija kienet qeghda tinghata *routine care* u cioe` *cardio vascular support ventilation*. It-tarbija kienet *unconscious* matul il-perjodu kollu li kienet fil-*unit.* Ghalkemm fl-ewwel jum caqalqet ftit ghajnejha, fit-tieni jum dan ma kompliex. Meta ddahlet, kien ittiehed *x ray* ta’ ghonqha u rrizulta illi kellha *fracture* tas-*cervical vertebrae* li jinstabu fin-naha ta’ fuq tal-ghonq. Bhala feriti, kienet involuta s-*cervical spine.* Qal illi eventwalment it-tarbija kienet mietet minhabba *cardiac arrest*.

Fis-seduta tad-19 ta’ Jannar 1994, xehed **l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud**[28], li esebixxa vera kopja fotostatika tal-original tac-certifikat tal-mewt u l-kawza tal-mewt ta’ Greta Zammit.[29] Fl-imsemmi certifikat id-data tal-mewt hija indikata bhala l-24 ta’ Awwissu 1992. Fis-seduta tat-28 ta’ Jannar 1994, l-Ispettur Micallef Grimaud esebixxa estratt veru mill-att tal-mewt numru 2283/92 u dan b’referenza ghal Greta Zammit li mietet fid-data msemmija.[30]

Fis-seduta tal-25 ta’ Lulju 1997, xehdet l-imputata **Mary Camilleri**[31], li kkonfermat illi l-imputati l-ohrajn huma t-tfal taghha. Hija qalet illi dakinhar tal-incident, hija ma kinitx tiflah u fil-fatt precedentement, ghall-habta tas-1.00 a.m. ta’ dakinhar tal-istess incident, hija marret il-poliklinika. Camilleri xehdet illi hija tbati hafna mill-emikranja u li gieli jkollha tmur il-poliklinika sabiex tinghata *injection* biex l-ugiegh jghaddilha. Wara li marret gewwa l-*polyclinic*, hija qaghdet fis-sodda u t-tabib kien qalilha sabiex tistrieh u toqghod fis-sodda ghal tlett ijiem. L-imputata qalet illi hija ma taf xejn dwar l-incident u illi waqt l-incident hija ma kinitx prezenti, izda kienet id-dar rieqda. Hija semghet il-bieb ihabbat ghall-habta tas-6.00p.m. jew is-6.15p.m. Kif fethet il-bieb, hija sabet lit-tifel taghha, Joseph, li kellu l-qmis bid-demm, flimkien ma’ persuna ohra. Hi bdiet twerzaq dak il-hin, izda kemm binha, kif ukoll ir-ragel l-iehor, li hija ma kinitx taf x’jismu, provaw jikkalmawha. Xehdet illi binha Joseph kien agitat

[28] A fol. 91 tal-process.
[29] Esebit a fol. 92 tal-process.
[30] Xhieda a fol. 97 tal-process; l-estratt jinsab esebit a fol. 98 tal-process.
[31] A fol. 168 sa 171 tal-process.

ukoll. Qalilha illi binha l-iehor, Aaron kien wegga' u li kien qieghed l-isptar u ghalhekk hija marret l-isptar. Wara sarat taf illi binha Aaron kellu xi punti fuq rasu u fuq geddumu. Ma kienet taf xejn izjed dwar l-incident in kwistjoni.

Fis-seduta tat-8 ta' Lulju 1998, xehdet **Antonia Galea**[32], oht l-imputata Mary Camilleri, li qalet illi lejliet l-incident, hija cemplet lill-istess imputata. Din qaltilha li kienet qed tirremetti u li kellha ugiegh ta' ras kbir. Hija marret ghand ohtha ghall-habta tal-10.00 p.m., fejn kien hemm prezenti wkoll l-gharusa tat-tifel taghha, u meta rat lil ohtha, qalet lir-ragel ta' ohtha li kien ahjar li jehduha l-*polyclinic.* Damu maghha gewwa l-poliklinika sa madwar il-11.30 p.m., nofs il-lejl. L-imputata giet imlaqqma u wara qaltilha li kienet sejra d-dar. L-ghada hija regghet cemplet lil ohtha u din qaltilha li xorta wahda kienet ma tiflahx u li kienet baqghet fis-sodda. Ohtha qaltilha li ma kinitx tiflah ticcaqlaq jew tqum mis-sodda.

Fl-istess seduta tat-8 ta' Lulju 1998, xehdet ukoll **Mary Grace Camilleri**[33]. Hija qalet illi lejliet l-incident, hija kienet qeghda gewwa d-dar tal-gharus taghha, l-imputat Joseph Camilleri, illum zewgha. X'hin waslu d-dar ta' Joseph, huma sabu li ommu, l-imputata Mary Camilleri kienet ma tiflahx. Din kienet mimduda fuq is-salott u maghha kien hemm ohtha. Xehdet illi l-imputata kellha ugiegh ta' ras qawwija u ohtha qaltilha sabiex tmur il-poliklinika. Ix-xhud u l-imputat Joseph Camilleri telqu wara xi ghaxar minuti u l-imputata baqghet ma' ohtha.

Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2007, id-difiza esebiet certifikat mediku fir-rigward tal-imputata Mary Camilleri u dan, skond kif ivverbalizzat fl-istess seduta, in rigward l-istat taghha qabel l-incident in ezami. Ic-certifikat, esebit a fol. 241 tal-process, rilaxxjat minn gewwa l-Isptar San Luqa, igib id-data tal-21 ta' Dicembru 1999 u jghid b'referenza ghal Mary Camilleri, illi din issoffri minn "*recurrent episodes of migraine, occasionally needing attendance at A&E*

[32] A fol. 181 sa 184 tal-process.
[33] A fol. 185 u 186 tal-process.

*department, occasionally needing pethidine and mexalon*". Fl-istess seduta xehed ukoll **Paul Demicoli**[34] in difesa tal-imputata Mary Camilleri. Huwa qal illi fir-rigward tal-incident in ezami, huwa kien gej mix-xoghol minn Bugibba sejjer lejn San Gwann u kien ra l-incident, fis-sens illi huwa kien wasal fuq il-post wara li dan diga` kien sehh. Huwa kien waqaf u tkellem ma' Joseph Camilleri fuq il-post li kien qallu illi kien sejjer ghal ommu, l-imputata Mary Camilleri, peress illi kienu hadu lil huh Aaron Camilleri gewwa l-isptar. Qal illi huwa wassal lill-imputat Joseph Camilleri fejn ommu li kienet qeghda d-dar taghha u li ha lit-tnejn li huma l-isptar.

Fis-seduta tas-17 ta' April 2007, xehed l-imputat **Aaron Camilleri**.[35] Dwar l-incident, huwa qal illi dakinhar tal-incident, huwa kien qieghed fil-garaxx fir-residenza tieghu, jilghab bir-rota, meta f'xi hin, jidhirlu wara nofsinhar, mar huh Joseph Camilleri, li qallu illi l-vettura tieghu kienet waqfitlu fin-nofs u qallu sabiex imur mieghu biex inehhuha minn fejn kienet. Ix-xhud qal illi ommu kienet id-dar ma tiflahx, peress illi tbati minn emigranja. Huh kien qallu sabiex imur mieghu u "*jien kelli kemm inzomm il-break. Hawnhekk qed nirreferi ghal foot break. Jiena fil-fatt kelli nidhol fil-karozza ta' wara u cioe` ta' hija illi kienet qed tingombra t-triq. Din il-karozza kienet bil-hsara u ma kienitx qed taqbad. Jiena kelli npoggi f'din il-karozza. Hija qalli kemm jiena kelli nzomm il-break l'isfel u nzomm l-isteering ukoll. Il-karozza ta' quddiem kienet tal-mummy u din go fiha kellu jidhol hija Joseph. Hija qalli sabiex inzomm dejjem il-break taht sieqi billi nafsu bil-mod u hekk ghamilt. Fil-fatt hija kien qalli illi kif jiena nara l-bozoz tal-karozza ta' quddiem illi jkunu homor, jiena kelli nafas il-break, ghalhekk spiccajna billi jigbidni hija waqt li jiena kont fil-karozza ta' wara. Ghalhekk il-karozza ta' quddiem kienet qed tigbed il-karozza illi kont go fiha jien. Fil-fatt il-karozza ta' quddiem kienet marbuta ma' dik ta' wara permezz ta' habel. Ma kontx jiena li rbatta. Kellna niehdu l-karozza li kont go fija jien ghand il-mekkanik fix-Xwieki li jinsab fil-vicin.*

[34] A fol. 243 u 244 tal-process.
[35] A fol. 246 sa 248 tal-process.

*Jiena meta gara l-incident kont qed nafas il-break u nuza l-isteering biss. Jiena nahseb li ntrabat il-habel mar-rota tieghi u ghalhekk jiena mort wrong side. Fil-fatt konna ghaddejjin fit-triq, f'daqqa wahda jiena spiccajt wrong side, fis-sens illi l-karozza illi kont go fiha marret side ways, lejn in-naha tal-lemin. Hawn hekk saret il-habta, weggajt*." Huwa jghid illi kellu l-punti fuq wiccu u f'rasu u li ntilef minn sensieh u gie f'sensieh meta kien l-isptar.

In kontro-ezami, l-imputat qal illi l-karozza ta' huh li kienet wieqfa fit-triq hija tal-marka Anglia, fil-waqt illi l-karozza li rmunkat l-Anglia kienet tal-marka Peugeot. Meta huma marru fuq il-post, fejn kienet wieqfa l-Anglia ma kien hemm hadd izjed fuq il-post. Huwa qal illi huh mar ghalih fil-garaxx bil-mixi, u mbaghad, huma marru fuq il-post fejn kien hemm l-Anglia, bil-Peugeot ta' ommu. Kien huh li rabat il-habel sabiex jirmunkaw. Waqt li l-Anglia kienet qed tingibed bil-habel, huwa kien wara l-i*steering* tal-Anglia, fil-waqt illi fil-karozza ta' quddiem ossia l-Peugeot, kien hemm biss huh.

**Ikkunsidrat:**

Jibda biex jinghad illi fil-konfront tal-imputata Mary Camilleri, din l-imputazzjoni ma tregix. Mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, kif ukoll mid-difiza, jirrizulta car illi l-istess imputata ma kinitx prezenti fuq il-post meta sehh l-incident de quo u ghalhekk ma tistax tigi imputata b'xi htija fir-rigward tal-istess incident. Apparti illi l-istess imputata tghid illi dakinhar tal-incident, hija kienet qeghda d-dar rieqda u illi ftit wara l-incident de quo, binha l-imputat Joseph Camilleri, mar id-dar flimkien ma' persuna ohra, li rrizulta li kien certu Paul Demicoli, u nfurmaha li binha l-iehor, l-imputat Aaron Camilleri kien qieghed l-isptar ghaliex kien wegga', hadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma indika illi l-imputata Mary Camilleri kienet qeghda fuq il-post fil-waqt tal-incident. Anzi fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Anthony Zammit specifikatament jghid illi fil-Peugeot, huwa ma ra lil hadd iktar oltre lil Joseph Camilleri u illi fuq il-post tal-incident, fl-ebda hin ma ra lill-imputata Mary Camilleri. Ix-xhud Joseph David Casolani wkoll ikkonferma illi meta gara l-

incident, l-imputata Mary Camilleri ma kinitx fuq il-post, u jekk marret, marret izjed tard. Ix-xhud prodott mid-difiza, Paul Demicoli, wkoll xehed fis-sens illi minn fuq il-post tal-incident huwa wassal lill-imputat Joseph Camilleri fid-dar fejn kienet ommu, l-imputata Mary Camilleri u illi huwa mbaghad wassal lil dawn it-tnejn l-isptar.

Ghalhekk jirrizulta car illi l-imputata Mary Camilleri ma kinitx fuq il-post tal-incident de quo meta dan sehh u lanqas ma kienet b'xi mod konxja ta' dak li kien qed isehh u ghaldaqstant zgur illi ma tistax tinstab hatja tar-reat taht l-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti sejra issa tezamina din l-imputazzjoni fir-rigward tal-imputat Joseph Camilleri.

L-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fiz-zmien li fih sehh il-kaz odjern, kien jghid hekk:

"*Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn jew multa mhux izjed minn elfejn lira*".

Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "*Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju*".

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-*culpa*, *"… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*[36]

Bl-istess mod, **il-Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk:

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*[37]

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

*"… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".*

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal *"un atto inconsiderato e rischioso"* maghmul b' *"leggerezza"* jew *"sconsideratezza"*[38] u kif jghid **Antolisei**, *"L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre*

[36] Carrara F., "*Programma Del Corso Di Diritto Criminale*", Vol. I (Parte Generale), p. 88.
[37] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67.
[38] Dizionario Zingarelli, (2002) "*Vocabalorio della Lingua Italiana*", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju 2001).

*una scarsa considerazione per gli interessi altrui*"[39]. U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano**, "*Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positiva dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinato evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela.*"[40] Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, fuq citata inghad illi "*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli*".

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "*l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-Manzini: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto*".[41]

Skond l-imsemmija sentenza, "*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non-osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni.*" Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-*High Way Code – Motor Vegicle Regulations*, fost regoli ohrajn.

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi "*The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a*

[39] Antolisei F., "*Manuale di Diritto Penale*: *Parte Generale*", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.
[40] Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.
[41] **Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg**, fuq citata.

*reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."*[42] Din hija wkoll il-posizzjoni adottata mill-Qrati taghna, kif jirrizulta car mis-sentenza moghitja mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Marzu 1996, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech**, fejn gie ritenut illi "*ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cjoe`, illi fil-kaz konkret, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita` normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*".

A bazi ta' din l-esposizzjoni legali u tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi dak li wassal ghall-incident de quo u ghall-mewt tat-tarbija Greta Zammit kien mhux biss in-nuqqas evidenti ta' tharis tal-ligijiet u r-regolamenti ta' traffiku (meta tifel minuri u ghalhekk minghajr licenza tas-sewqan, thalla fil-kontroll ta' vettura), izda wkoll in-nuqqas ta' hsieb li wera l-imputat Joseph Camilleri, meta ghazel li jhalli lil huh minuri, l-imputat l-iehor Aaron Camilleri, fil-kontroll tal-vettura Anglia, u dan meta kien ben konxju tal-fatt illi l-istess huh, li dak iz-zmien kellu biss tlettax-il sena[43], mhux talli ma kellux licenzja tas-sewqan, izda talli ma kellu l-ebda esperjenza ta' sewqan.

Kif ikkonkludew l-esperti mahtura mill-Magistrat Inkwirenti dwar ir-responsabilita` ghall-incident de quo, l-irkmunkar ta' vettura minn ohra jitlob certa hila u esperjenza sabiex it-*towing rope* jinzamm tali li ma jithabbilx fir-roti tal-vettura li tkun qed tigi rmunkata. Jekk dan it-thabbil isir, il-vettura rmunkata ma tkunx tista' tigi kkontrollata u jista' jkun hemm qtugh tal-habel, kif gara fil-kaz odjern. Skond l-istess esperti, l-imputat Aaron Camilleri, minuri,

[42] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.
[43] Skond ic-certifikat tat-twelid tal-imputat Aaron Camilleri, esebit a fol. 8 tal-process, huwa twieled fit-28 ta' Awwissu 1978.

ma kellux din l-esperjenza, bir-rizultat illi l-Anglia nvadiet il-passagg legittimu tal-iSkoda u sar skontru frontali bejn iz-zewg vetturi.[44]

Il-Qorti tqis illi ghalkemm l-istess Joseph Camilleri kellu biss tmintax-il sena u nofs meta sehh l-incident in kwistjoni, huwa seta' jipprevedi illi l-fatt illi huwa halla lil huh fil-kontroll tal-vettura, fic-cirkostanzi msemmija, seta' jkun ta' perikolu kbir, kemm ghalih kif ukoll ghal terzi persuni u ghalkemm jista' jkun li huwa stess seta' ma kellux xi esperjenza kbira fis-sewqan, l-ewwel reazzjoni tieghu hekk kif sehhet il-habta kienet illi hareg lil huh mill-vettura Anglia u dan proprju ghaliex huh ma kellux licenzja tas-sewqan. Il-Qorti hawnhekk zgur illi ma taqbilx mat-tezi tad-difiza fis-sens illi dan kien kaz klassiku ta' *casus*, ghal dak li jirrigwarda lill-imputat Joseph Camilleri, u dan ghaliex kif diga` inghad, ghalkemm dan l-istess imputat forsi verament ma setax jipprevedi specifikatament illi l-habel kien ser jithabbel fir-rota tal-Anglia bir-rizultat li huh minuri jitlef il-kontroll tal-vettura, madankollu, seta' certament jipprevedi illi l-fatt li huwa ppermetta illi l-vettura tieghu tigi misjuqa minn huh minuri seta' jkun ta' perikolu, kif diga` inghad. Il-Qorti ghalhekk hija sodisfatta illi tezisti konnessjoni ta' kawzalita` bl-izjed mod diretta u dan stante illi l-vittma, Greta Zammit, mietet bhala rizultat tal-fatt illi l-imputat Joseph Camilleri, b'nuqqas ta' hsieb u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, halla lil huh minuri fil-kontroll tal-vettura msemmija.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-htija tal-imputat Joseph Camilleri, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, sal-grad rikjest mil-ligi.

**L-Artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

[44] A fol. 45 tal-*proces verbal*.

Il-Qorti sejra issa tezamina jekk hemmx htija o meno da parti tal-imputati Mary Camilleri u Joseph Camilleri dwar xi wiehed mir-reati kkontemplati f'dan l-artikolu.

Fis-seduta tas-16 ta' Novembru 1993, xehdet **Dr. Shirley Farrugia**[45] li spjegat illi fis-7 ta' Awwissu 1992, hija kienet xoghol fid-Dipartiment tal-*Casualty* gewwa l-Isptar San Luqa. Bejn il-5.30p.m. u s-6.00p.m., kienu ddahlu diversi nies feruti f'dan id-Dipartiment, fosthom Rita Zammit. Hija qalet illi l-feriti li kellha din il-persuna kienu ta' natura mhux gravi. Meta ezaminatha, hija sabitilha kontuzjoni, *hematoma* fil-polz ta' idha l-leminija u *lacero contused wound* fuq mohhha, liema ferita kienet ta' daqs ta' zewg centimetri. Hija hititilha din il-ferita. Peress illi Rita Zammit kienet qed tbati ukoll minn *concussion*, hija zzammet gewwa l-isptar ghal tliet ijiem.

Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 1994, xehed il-**Psikjatra Peter Muscat**[46], li spjega illi wara li gara l-incident in kwistjoni, il-konjugi Zammit kienu kkonsultawh u huwa kien sab illi Rita Zammit kienet tbati minn depressjoni kbira u agitazzjoni. Hija inghatat il-kura li kienet tikkonsisti f'psikoterapija u l-ghoti ta' medicinali sabiex jigi kontrollat l-istat ta' agitazzjoni taghha. Huwa qal illi fl-opinjoni tieghu, Rita Zammit kienet fi stat gravi u dan in vista tal-fatt illi ma setghetx tesegwixxi affarijiet ta' rutina. Maz-zmien u wara li nghatat il-kura u cioe` xhur wara, l-istat mentali taghha beda jmur ghall-ahjar, tant illi huwa naqqas il-kura. Ix-xhud qal illi madwar xahar ilu, Rita Zammit kellha *recurrence* kbira tad-*depression* u minhabba f'hekk kellu jzidilha l-kura, u dan b'referenza ghall-medicinali. Huwa qal illi sa dakinhar, Zammit kienet ghadha taht il-kura tieghu, minhabba *depression* u agitazzjoni, liema stat psikiku huwa relatat mal-incident in kwistjoni u illi hija ghadha taht trawma kbira li ghadha ma hargitx minnha.

Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 1994, il-partijiet qablu illi l-Qorti tinnomina lil Dr. Carmelo Apap Bologna sabiex jirrelata dwar ix-xhieda ta' Rita Zammit, fis-sens

[45] A fol. 30 u 31 tal-process.
[46] A fol. 93 u 94 tal-process.

illi sa dakinhar, idha tal-lemin kienet ghadha difettuza. It-tabib **Dr. Carmelo Apap Bologna** xehed fis-seduta tas-16 ta' Marzu 1994[47] u pprezenta r-relazzjoni tieghu li tinsab esebita a fol. 107 tal-process. Huwa xehed illi huwa wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu dwar id Rita Zammit, mhux biss a bazi ta' dak li qaltlu hi, izda wkoll mid-dokumenti relattivi ta' din il-pazjenta, li jinsabu l-isptar. Fir-rigward tas-sinna, huwa wasal ghall-konkluzjoni tieghu a bazi ta' dak li qaltlu Zammit. Huwa xehed illi l-izjed li damet biex tfieq kienet is-sinna. In rigward idha, huwa qal illi Zammit illum hija totalment imfejqa. Huwa kkonstata illi din damet biex tfieq mhux izjed minn tlieta jew erba' gimghat.

Mir-relazzjoni tieghu datata 7 ta' Frar 1994[48], jirrizulta illi fit-2 ta' Frar 1994 huwa ezamina lil Rita Zammit. Mill-ezami tal-fatti u mid-dokumenti tal-isptar, huwa skontra li Zammit soffriet konkussjoni cerebrali, lacerazzjoni fuq xbinha, kontuzjoni qawwija tal-polz tal-lemin u stakkament parzjali tas-sinna incizura tax-xelluq tax-xedaq ta' fuq. Hija fieqet ghal kollox mill-konkussjoni cerebrali u l-ferita fuq xbinha bilkemm halliet marka. Rigward id-daqqa fuq il-polz, minkejja li ma kien hemm ebda ksur, kellha bzonn tlett gimghat fil-gibs minhabba skoss fil-gog radiocarpali. Is-sinna li kienet parzjalment stakkata kellha bzonn perijodu daqsxejn twil ta' kura dentali u b'kollox damet tlett xhur sakemm fieqet mill-griehi kollha. Bhalissa dawn ma hallew ebda mankament funzjonali, sfregju jew deformita` u ghalhekk huwa qies dawn il-feriti bhala gravi minhabba l-iskadenza ta' iktar minn tletin jum biex Zammit tikseb il-fejqan kollu.

Dwar il-feriti sostnuti minn Anthony Zammit, xehdet **Dr. Angela Borg Cauchi** fis-seduta tat-30 ta' Mejju 1994[49]. Hija qalet illi fil-jum tal-incident, hija ezaminat lil Anthony Zammit ghall-habta tas-6.00 p.m. Hija sabet li Zammit kellu *lacero contused wound* f'geddumu. Fuq l-istess ferita, hija ghamlitlu madwar sitt punti. Zammit kellu kontuzzjoni fuq sidru, fuq quddiem. Sabet ukoll xi grif fuq irkopptejh it-tnejn. Minn *x rays* li ttiehdu, ma rrizultax illi Zammit kellu xi ksur. B'referenza ghal grif u kontuzjonijiet, ix-xhud qalet illi

[47] A fol. 105 u 106.
[48] A fol. 107 tal-process.
[49] A fol. 118 sa 120 tal-process.

dawn huma kollha griehi hfief. Fir-rigward tal-qasma li kellu Zammit fuq geddumu, hija qalet illi ghamlet sitt punti u li huma jikklassifikaw din bhala gravi minhabba sfregju fuq il-wicc aktar il-quddiem. Ma setghetx tghid bi preciz kemm iddum biex tfieq ferita bhal din. Hija qalet illi jekk tara lill-istess Zammit, tkun f'posizzjoni tghid jekk ghandux sfregju jew le fuq wiccu.

Illi jibda biex jinghad illi fir-rigward tal-imputata Mary Camilleri, japplikaw anke fir-rigward tar-reati taht l-Artikolu 226, il-konsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti fir-rigward tar-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 225 u ghalhekk l-istess imputata qed tigi lliberata minn kwalsiasi htija f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tal-imputat Joseph Camilleri, madankollu, ghall-istess ragunijiet moghtija fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 225, il-Qorti ma tistax tasal ghall-istess konkluzjoni.

Jirrizulta car illi bhala kawza tal-incident de quo, Anthony Zammit garrab ferita f'guddumu li kienet tehtieg sitt punti. Din il-gerha giet ikkwalifikata bhala gravi da parti tat-tabiba li ezaminatu minhabba l-possibilita` ta' sfregju fuq il-wicc izjed il'quddiem. Hija qalet illi kien necessarju ghaliha li tara lil Zammit sabiex tkun f'posizzjoni tghid jekk ghandux sfregju jew le fuq wiccu, izda ma jirrizulta xejn mill-atti li jindika jekk fil-fatt din il-ferita hallietx sfregju permanenti o meno fuq wicc l-istess Zammit.

Fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Fortunato Sultana</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Frar 1998 inghad illi:

*"Skond l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, l-offiża fuq il-persuna hija gravi jekk, fost cirkostanzi oħra, din iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dan l-isfregju jipperdura għal xi żmien partikolari. Sfregju fil-wicc jew fil-għonq jew f'waħda mid-dirgħajn imqar għal ftit gimgħat jibqa' sfregju għall-finijiet tal-imsemmija*

*dispożizzjoni. Il-permanenza tal-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita' tagħti lok għal hekk imsejjħa 'offiża gravissima' skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap 9."*

F'dan il-kaz ma ngabet l-ebda prova illi l-isfregju fil-wicc kien wiehed permanenti. Mill-banda l-ohra huwa skorrett li wiehed jghid li la darba sfregju jkun fieq allura m'hemm ebda ksur tal-artikolu 216 jew li l-grieħi kienu ħfief. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi la darba l-gerha fuq wicc Anthony Zammit kienet tali illi kienet tinnecessita sitt punti, dan kien jammonta ghal sfregju fil-wicc u ghaldaqstant ghal offiza gravi kif kontemplata taht l-Artikolu 216(1)(b). Isegwi ghalhekk illi l-imputat Joseph Camilleri ghandu jinstab hati taht l-Artikolu 226(1)(b) tal-Kap. 9 li jikkontempla l-offiza involontarja gravi minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218.

Fir-rigward tal-griehi sostnuti minn Rita Zammit, bhala rizultat tal-incident, fix-xhieda taghha tal-24 ta' Novembru 1993, hija qalet illi damet mugugha xi hmistax wara l-incident u illi sa dakinhar, idejha tal-lemin kienet ghadha difettuza, ghaliex ma setghetx trossha u li prezentement qed tiehu kura minghand Dr. Peter Muscat.[50] Dwar il-polz, madankollu, it-tabib Dr Carmelo Apap Bologna xehed illi huwa ezamina lil Zammit fit-2 ta' Frar 1994 u li hija totalment imfejqa. Qal ukoll fir-relazzjoni tieghu, rigward il-polz, illi minkejja li ma kien hemm ebda ksur, kellha bzonn tlett gimghat fil-gibs minhabba skoss fil-gog radiocarpali. Huwa kkostatata illi din damet biex tfieq <u>mhux izjed minn tlieta jew erba' gimghat</u>. Ghaldaqstant, din il-ferita ma tistax titqies bhala wahda gravi ai termini tal-Artikolu 216(1)(d) u b'hekk qeghda titqies bhala offiza hafifa u ghaldaqstant taqa' taht l-Artikolu 226(1)(c).

Jirrizulta wkoll illi Rita Zammit kellha stakkament parzjali tas-sinna incizura tax-xelluq tax-xedaq ta' fuq, liema sinna kellha bzonn perijodu daqsxejn twil ta' kura dentali u b'kollox damet tlett xhur sakemm fieqet mill-griehi kollha, skond Dr. Carmelo Apap Bologna. Minn qari tar-relazzjoni tieghu u mix-xhieda

---

[50] A fol. 67 tal-process.

moghtija minnu, jirrizulta car illi l-istess tabib kien qieghed jirreferi ghas-sinna meta jghid illi Zammit damet tlett xhur sakemm fieqet mill-griehi kollha.

Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**, moghtija fit-12 ta' Settembru 2006:

*"B'mankament fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghall-kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien m'humiex parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu jhallu fuq il-wicc u specjalment fir-regjun tal-halq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216(1) (b)."*

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti stakkament parzjali ta' sinna, fic-cirkustanzi ta' dan il-kaz, ma jistax jigi meqjus bhala sfregju tal-wicc ai termini tal-artikolu 216(1)(b) u ghalkemm f'dan ir-rigward, kien jehtieg perjodu ta' kura dentali twil – u cioe` itwal minn tletin gurnata – sabiex ikun hemm fejqan, il-Qorti lanqas ma tqis illi din l-offiza tista' tigi klassifikata bhala marda tal-gisem ai termini tal-artikolu 216(1)(d) tal-Kap. 9. Ghaldaqstant, il-Qorti qed tqis din l-offiza bhala wahda hafifa ai termini tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kap. 9.

Issa fir-rigward tal-*lacero contused wound* li Rita Zammit soffriet fuq mohhha, liema ferita, skond it-tabiba li ezaminatha – Dr. Shirley Farrugia - kienet ta'

daqs ta' zewg centimetri u li kellha bzonn il-punti, Dr. Carmelo Apap Bologna jghid illi din il-ferita bilkemm halliet marka u illi sussegwentement, ma kien hemm l-ebda sfregju. Dr. Shirley Farrugia in oltre klassifikat il-feriti ta' Zammit bhala ta' natura hafifa. Dwar dan il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad izjed il'fuq dwar l-isfregju fil-wicc, kif ukoll tqis illi l-ottika tal-ligi mhix necessarjament l-istess bhal dik tal-prattikant tal-medicina u taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Lulju 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi**, fejn inghad hekk:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".*

Il-Qorti ghalhekk tqis illi la darba l-gerha fuq wicc Rita Zammit kienet tali illi kienet ta' daqs ta' zewg centimetri u kienet tinnecessita l-punti, dan kien jammonta ghal sfregju fil-wicc u ghaldaqstant ghal offiza gravi kif kontemplata taht l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. Isegwi ghalhekk illi l-imputat Joseph Camilleri ghandu jinstab hati taht l-Artikolu 226(1)(b) li jikkontempla l-offiza involontarja gravi minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218.

Dwar ix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Peter Muscat li tirreferi ghall-istat ta' depressjoni kbira u agitazzjoni li huwa jghid li rriskontra fil-pazjenta tieghu, Rita Zammit, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali

fit-24 ta' Settembru 2009, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Renard Cassar**, fejn gie ritenut hekk:

*"… hija prattika sancita mill-ligi li xhieda ordinarji w cioe' mhux persuni li jigu mahtura bhala esperti mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak li huma jikkonstataw bis-sensi taghhom. Meta tkun mehtiega xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja (art. 650(1) tal-Kap.9). Il-periti skond il-Kodici Kriminali ma jistghux ikunu esperti ex parte imma jridu jkunu gew maghzulin mill-Qorti (art. 650 (1) tal-Kap.9) jew mill-Magistrat Inkwirenti li jkun qed jikkonduci l-in genere (art.548 u 549 tal-Kap.9).*

*Issa f'dan il-kaz indubbjament ir-rapport tar-rizultat tal-analisi li saret minn David Gauci … seta' biss jigi kompilat b'hila u sengha specjali tal-istess analista w mhux rizultat ta' kostatazzjoni ta' fatt bis-sensi ordinarji tieghu. Fi kliem iehor jinkorpora opinjoni li, bhala xhud ordinarju, hu kien prekluz milli jaghti kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem l-Ewwel Qorti.*

*Konsegwentement, la darba l-imsemmi rapport ma sarx minn perit maghzul mill-Qorti, dan jirrendi l-istess rapport bhala wiehed inammissibbli bhala prova … Ghalhekk, fl-istat tal-provi li ghandha quddiemha, din il-Qorti ma tistax issib htija fuq opinjoni tekniko-xjentifika ta' espert li ma giex nominat bhala perit mill-Qorti*".

Dan ifisser illi l-Qorti ma tistax tistrieh fuq opinjoni ta' espert *ex parte*, kif huwa evidentement il-Psikjatra Peter Muscat, izda ghandha biss toqghod fuq l-opinjonijiet moghtija lilha mill-esperti nominati minnha sabiex jassistuha. Kwindi il-Qorti ma tistax hlief tiskarta x-xhieda tal-istess psikjatra li tikkonsisti kompletament f' opinjoni professjonali riskontrata minnu fil-qadi tal-professjoni tieghu. Kull ma jifdal ghalhekk fl-atti f'dan ir-rigward hija x-xhieda ta' Rita u Anthony konjugi Zammit. Rita Zammit tghid illi hija qeghda tiehu l-

kura minghand Dr. Peter Muscat u zewgha jghid illi wara l-incident, il-mara tieghu bdiet tara psikjatra u baqghet tarah sal-lum. Dan certament ma jistax iwassal lill-Qorti ghall-konvinciment morali dwar in-natura ta' xi offiza li setghet garrbet Rita Zammit f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tal-offizi sofferti minn Lynn Zammit, it-tarbija l-ohra li wkoll kienet fil-vettura Skoda, l-unika prova li tezisti fl-atti processwali hija l-okkorrenza tal-incident li giet esebita minn PS 86 Alexander Taliana, mil-liema jirrizulta illi din giet ezaminata mit-tabiba Rosalia Sant M.D., fejn verbalment qalet ill qieghda ssofri minn *contusion left neck area over claricle*, liema griehi huma ta' natura hafifa[51]. Jirrizulta wkoll mill-atti processwali illi l-imsemmija tabiba ma ttellghetx mill-Proskezzjoni sabiex tixhed, anke wara li fin-noti ta' rinviju tat-12 ta' April 1994 u tat-3 ta' Mejju 1994 rispettivament, l-Avukat Generali talab darbtejn[52] sabiex tinstema' din ix-xhud u dan ghaliex din kienet tinsab fuq *study leave* fir-Renju Unit[53]. Fir-rigward tal-*hearsay*, inghad hekk fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Mejju 2012, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana**:

*"Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:*

*"599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra".*

*Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il- Kummissarju tal-Pulizija', il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:*

[51] A fol. 55 tal-process.
[52] A fol. 109 u 112 tal-process.
[53] Ara verbal a fol. 113 tal-process.

*"Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta' dan il-ħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konklużjoni tal-ewwel qorti (li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi)."*

Issa f'dan il-kaz, ir-rapport ta' PS 86 Alexander Taliana jindika l-griehi sofferti mill-minuri Lynn Zammit u dan a bazi ta' dak li ntqal lilu verbalment minn Dr. Rosalie Sant. Hawnhekk jezisti biss rapport fis-sens illi t-tarbija soffriet dawn il-griehi u xejn izjed. It-tabiba li rriskontrat dawn il-griehi ma setghetx tingieb minn barra minn Malta biex tikkonferma personalment dak li kienet ikkonstatat. Madankollu, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, u wara li rat l-Artikolu 599 tal-Kap. 12 rez applikabbli ghall-Kodici Kriminali, il-Qorti jidhrilha illi fl-atti processwali tezisti prova li hija ammissibbli fis-sens illi r-rapport ossia l-okkorrenza hija prova li turi illi fil-fatt t-tarbija soffriet il-griehi hemmhekk indikati. Dan *multo magis* meta n-natura tal-griehi indikati huma perfettament kompatibbli mac-cirkostanzi li fih sehh l-incident odjern. Ghaldaqstant jirrizulta illi l-imputat Joseph Camilleri ghandu wkoll jinstab hati talli kkaguna offiza involontarja fuq il-persuna ta' Lynn Zammit, liema offiza kienet wahda hafifa ai termini tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kap. 9.

**<u>L-Artikolu 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

L-imputati gew akkuzati wkoll bir-reat ta' hsara volontarja ai termini tal-Artikolu 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghall-istess ragunijiet moghtija mill-Qorti izjed 'il fuq, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reat ta' omicidju involontarju, il-Qorti mhijiex qed issib lill-imputata Mary Camilleri hatja ta' dan ir-reat.

Fir-rigward tal-imputat, Joseph Zammit, m'hemmx dubbju illi, kif inghad izjed il'fuq fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 225 tal-Kap. 9, da parti tieghu kien hemm nuqqas ta' hsieb, kif ukoll nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, liema nuqqasijiet ikkawzaw hsara kbira fil-vettura ta' Anthony Zammit u li bhala konsegwenza sehhet il-mewt tat-tarbija Greta Zammit, soffrew offizi kemm gravi kif ukoll hfief il-konjugi Zammit, u soffriet offizi hfief il-minuri Lynn Zammit. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi gie sodisfacentement ippruvat, sal-grad rikjest mil-ligi, illi l-imputat Joseph Zammit huwa hati wkoll taht l-Artikolu 328(a), (c) u (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>L-Artikolu 111(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Fir-rigward tal-imputata Mary Camilleri, l-unika prova li tezisti f'dan ir-rigward hija x-xhieda ta' PS 386 Alexander Taliana. Huwa xehed quddiem l-espert fil-mori tal-inkjesta in konnessjoni ma' dak li kienet qalet lilu l-imputata Mary Camilleri hekk kif ix-xhud mar l-isptar biex jissokta bl-investigazzjoni tieghu, izda f'dan ir-rigward ma jirrizulta bl-ebda mod mill-atti illi l-imputata Camilleri kienet f'dak il-mument, inghatat t-twissija minn PS 386, illi hija kellha d-dritt li tibqa' siekta u ma twegibx ghad-domandi li jsiru lilha u dan fi stadju u f'cirkostanzi tali meta diga` kien hemm suspett li kien twettaq reat. L-imputata ghalhekk ma nghatatx il-liberta` fl-ghazla jekk twegibx jew le u b'hekk kienet privata minn garanzija kontra kull pregudizzju jew riskju ta' awto-inkriminazzjoni. Jirrizulta biss mill-atti illi kienu l-esperti li gabru x-xhieda fil-mori tal-inkjesta illi taw din it-twissija lill-imputata Mary Camilleri u fil-fatt din ghazlet li ma tixhidx. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu qies ta' dak li qalet l-imputata Mary Camilleri lil PS 386 Alexander Taliana, kif lanqas ma tista' tiehu qies ta' dak li qal l-imputat Joseph Camilleri fil-konfront taghha, ghaliex apparti illi lanqas ma jirrizulta illi nghatat lilu s-solita twissija, konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha (Artikolu 661 tal-Kap. 9). Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi ma giex sodisfacentement pruvat mill-Prosekuzzjoni illi l-imputata Mary Camilleri hija hatja ta' din l-imputazzjoni.

Il-Qorti ghalhekk ghandha tezamina jekk jissussistix dan ir-reat fir-rigward tal-imputat Joseph Camilleri. Fin-noti tieghu, il-**<u>Professur Anthony Mamo</u>** jghid hekk dwar dan l-artikolu tal-ligi:

"*The subject of this offence can, according to Sec. 110* [illum l-Artikolu 111] *of our Code, be "Whosoever", that is <u>any</u> person but according to the best accepted authorities this generalisation does not include the parties themselves to the principal offence. In other words, if a person who has himself committed an offence, suppresses or destroys the traces or evidence thereof he would not be guilty also of this further offence: his action in any such case would but be a continuation of his principal offence (v. Carrara "Opuscoli di Diritto Penale" Vol. VII, p. 48 & 49 …*)."[54]

Dan ifisser ghalhekk, illi ladarba l-imputat Joseph Camilleri kien fil-fatt l-awtur tar-reat ta' omicidju involontorju, fost ir-reati l-ohrajn li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza, huwa ma jistax jinstab hati wkoll tar-reat ikkontemplat f'dan l-artikolu. Skond il-bran hawn fuq citat, l-azzjonijiet tieghu u cioe` li huwa hareg lil huh mill-vettura li dan tal-ahhar kien qed isuq u beda jghid li kien huwa stess, li kien qed isuq l-istess vettura, meta fil-fatt kien huh li kien qed isuqha, ghandhom jigu meqjusa bhala kontinwazzjoni tar-reat principali mwettaq minnu. Ghaldaqstant, l-imputat Joseph Camilleri qed jigi lliberat minn din l-imputazzjoni.

**<u>L-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104</u>**

Fiz-zmien li sehh l-incident de quo, din id-disposizzjoni tal-ligi kienet tghid hekk:

"*Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, hadd ma jista' juza jew igieghel jew ihalli lil persuna ohra tuza vettura tal-mutur fit-toroq kemm-il*

[54] *Notes on Criminal Law, Volume II*, pagna 79.

*darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, skont il-kaz, ma tkunx issehh polza ta' sigurta` dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza*."

Illum, l-Artikolu 3(3) tal-Kap. 104 jghid hekk:

"*Ghad illi f'ligijiet ohra jista' jkun hemm zmien stabbilit li fih ghandhom isiru proceduri quddiem qorti, il-procediment ghal reat taht dan l-artikolu jsir –*

*(a) fi zmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat; jew*
*(b) fi zmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun giet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat, skond liema zmien minnhom ikun l-itwal*."

Issa ghalkemm dan l-artikolu tal-ligi ma kienx jezisti fiz-zmien tal-incident de quo, madankollu il-ligi dwar preskrizzjoni hija ta' natura sostantiva u mhux procedurali u dan kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Mejju 1994.[55] F'dik is-sentenza inghad hekk:

"*B'danakollu l-ligi dwar il-preskrizzjoni, fl-essenza u fl-operazzjoni prattika taghha, realment hija istitut tal-ligi sostanzjali u mhux procedurali. Din il-ligi ma tirrigwardax il-process jew il-forma tal-proceduri, izda tirrigwarda l-iskop u l-oggett ta' dawn il-proceduri. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-gustizzja tfittex, u mhux il-mezzi li bihom dak il-fini ghandu jigi miksub. Ghalhekk fil-kaz tal-preskrizzjoni, il-ligi recenti ma ghandhiex tigi applikata retroattivament. Ma ghandhiex tigi hekk applikata, jigifieri, sakemm ma tkunx aktar favorevoli ghall-imputat*."

Huwa evidenti illi l-Artikolu 3(3) tal-Kap 104 jipprosspetta sitwazzjoni izjed favorevoli ghall-imputati u ghalhekk hija din id-disposizzjoni tal-ligi li ghandha

[55] Dwar dan il-punt, ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Victor Pisani** tat-30 ta' Settembru 2013.

tigi applikata fil-konfront taghhom. Jirrizulta illi r-reati in kwistjoni sehhew fis-7 ta' Awwissu 1992, fil-waqt illi l-imputati tressqu taht arrest akkuzati bl-imputazzjonijiet odjerni fit-2 ta' Novembru 1993 u fiz-zmien ghalhekk meta skond l-Artikolu 3(3) tal-Kap. 104, l-azzjoni taht l-Artikolu 3(1) tal-istess Kapitolu kienet preskritta. Ghaldaqstant, l-imputati Joseph u Mary Camilleri qed jigu lliberati minn din l-imputazzjoni.

**<u>L-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) u 18(2) tal-Kap. 65</u>**

Fiz-zmien tal-incident in kwistjoni, l-Artikolu 15(1) tal-Kap. 65 kien jghid hekk:

*"Kull min-*

*(a) isuq motor-car minghajr licenza tas-sewqan jew motor-car li ma jkollhiex licenza, jew taht l-influwenza tax-xorb jew drogi jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz; jew*

*...*

*(c) meta huwa s-sid tal-motor-car igieghel, ihalli jew jippermetti li l-motor-car tieghu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-licenza mehtiega biex issuq motor-car,*

*ikun hati ta' reat u jehel, meta jinsab hekk hati, il-piena tal-multa ta' mhux izjed minn mitt lira jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur."*

Issa ghalkemm l-imputat Joseph Camilleri evidentement ippermetta lil huh – minuri minghajr licenza tas-sewqan – li jsuq il-vettura tieghu, fin-nota tar-rinvija ghall-gudizzju, l-Avukat Generali ma ndikax is-sub-artikolu (c) hawn fuq citat bhala wiehed mill-artikoli li tahtu l-istess imputat jista' jinstab hati.

Ghaldaqstant, il-Qorti tista' tezamina biss il-htija o meno tal-imputat Joseph Camilleri fir-rigward tal-Artikolu 15(1)(a).

Jirrizulta car illi fid-data u fil-hin indikati fl-imputazzjonijiet odjerni, kien l-imputat Aaron Camilleri li kien qed isuq il-vettura Anglia bin-numru ta' registrazzjoni C-1665, u dan meta huwa ma kellux licenza tas-sewqan. Da parti tieghu l-imputat Joseph Camilleri kien qed isuq il-vettura Peugeot u fl-istess waqt kien qed jirmonka l-vettura Anglia gwidatha minn huh. Il-fatt illi l-imputat Camilleri kien qed isuq u fl-istess waqt jirmonka vettura ohra permezz ta' habel, meta ghalhekk kien mistenni illi mhux biss jikkontrolla l-vettura li kien qed isuq hu, izda wkoll il-vettura l-ohra li kienet qeghda tigi rmonkata minnu, diga` fil-fehma tal-Qorti, jammonta ghal sewqan ta' vettura b'mod perikoluz, u l-fatt illi huwa kien ben konxju tal-fatt illi fil-vettura li kienet qeghda tigi rmonkata kien hemm minuri, minghajr licenza tas-sewqan u minghajr esperjenza ta' sewqan, rrendiet is-sitwazzjoni izjed perikoluza. Ghaldaqstant, l-imputat Joseph Camilleri qed jinstab hati ta' din l-imputazzjoni, fis-sens illi huwa saq vettura b'mod perikoluz.

Fir-rigward tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65, imbaghad, ladarba l-Qorti qed issib lill-imputat Joseph Camilleri hati talli saq b'mod perikoluz, isegwi illi ghandha tapplika l-iskwalifika milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ai termini tal-istess artikolu. Ghalkemm jidher mill-fedina penali tal-imputat illi huwa diga` kien instab precedentement hati talli saq vettura minghajr licenza tas-sewqan u meta ghalhekk ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni, il-Prosekuzzjoni ma esebiet l-ebda sentenza f'dan ir-rigward u ghaldaqstant il-Qorti ser tqis din bhala l-ewwel kundanna tal-imputat.

La darba l-Qorti sabet htija fl-imputat dwar sewqan b'mod perikoluz, u la darba ser tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15(2), kif inghad, m'ghandhiex ghalhekk tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15(3). Dan japplika wkoll ghall-Artikolu 18(2) tal-Kap. 65, li wkoll jitkellem dwar skwalifika dwar licenza

tas-sewqan ghal zmien mhux inqas minn tmint ijiem u ghalhekk inqas miz-zmien previst fl-Artikolu 15(2) tal-istess Kapitolu.

Ghall-istess ragunijiet moghtija izjed il’fuq fil-konsiderazzjonijiet dwar ir-reat taht l-Artikolu 225 tal-Kap. 9, il-Qorti mhix qed issib htija fil-konfront tal-imputata Mary Camilleri fir-rigward ta’ dawn l-artikoli tal-ligi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, id-difiza ssollevat numru ta’ punti sabiex turi li kien hemm elementi ta’ negligenza kontributorja da parti tal-vittmi ta’ dan l-incident jew ahjar tas-sewwieq u ta’ martu, il-konjugi Zammit. Fl-ewwel lok irid jinghad illi kif dejjem gie ritenut, f’sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, *ammenoche`* dak li jigri ma jkunx dovut unikament u esklussivament ghall-htijiet da parti ta’ haddiehor (Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Gaetano Schembri**, 16 ta’ Marzu 1961; **Il-Pulizija vs John Polidano**, 3 ta’ Novembru 1963; **Il-Pulizija vs Rev. C. Mifsud** [Kollez Vol. XXXVII.iv.1131] u ohrajn). Dan ghaliex in-negligenza kontributorja ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru (Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs P. Vassallo**, Vol. XXXVIII.iv.883). Kif josserva l-**Antolisei**, *“Nell’ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di* ***compensazione delle colpe****, nel senso che la colpa dell’uno verrebbe annullata dalla colpa dell’altra. Cosi` non si vorrebbe punire l’automobilista, se l’investimento sta dovuto anche alla colpa della vittima. Cio` non puo` ammettersi, perche` il principio della compensazione delle colpe, se vale nell’ambito del diritto privato, in cui sono in guoco interessi prevalentemente patrimoniali che debbono essere conciliate, non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e` reclamata da un interesse pubblico e, quindi, dell’eventuale colpa della vittima il giudice terra` conto solo entro i limiti dei suoi poteri discrezionali per l’applicazione concreta della pena”*

(Antolisei, F. Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, 1989, Giuffre` [Milano], p. 332).

Fl-ewwel lok, id-difiza tissottometti illi fil-vettura misjuqa minn Zammit kien hemm izjed minn tlett persuni fuq wara u li ghaldaqstant, la darba l-vettura in kwistjoni kienet mibnija sabiex fuq wara jpoggu tlett persuni, il-Qorti ghandha tasal ghall-konkluzjoni illi l-*car seat* li kienet fih it-tarbija Greta Zammit, ma kienx imwahhal tajjeb meta tqis illi fuq wara kien hemm zewg *car seats*, tifla ta' tnax-il sena u tifla ohra ta' tlett snin. Issa ghalkemm huwa minnu illi fuq wara tal-istess vettura kien hemm b'kollox erbat itfal u cioe` tnejn gewwa *car seat* u tnejn ohra bejn l-istess *car seats*, madankollu dan l-argument tad-difiza kien forsi jregi li kieku sfaw imwegga' xi wahda mit-tfal li kienu qeghdin bejn iz-zewg *car seats*. Mill-banda l-ohra *car seat* necessarjament jiehu l-ispazju tieghu u m'hemm assolutament xejn fl-atti li jista' jindika li l-*car seat* li kienet qeghda fih it-tarbija midruba jew anke l-iehor del resto, ma kienx impoggi sew jew f'postu sabiex jaghmel wisa' ghat-tfal li kien hemm fin-nofs. Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx li dan l-argument tad-difiza jista' jintlaqa'.

Id-difiza ssottomettiet ukoll illi l-*car seat* li fih kienet qeghda t-tarbija midruba ma kienx imwahhal sewwa jew inkella s-*seat belts* kienu laxki. Id-difiza tghid illi kienet wahda biss mit-trabi li weggghet u mhux it-tnejn li huma. B'daqshekk, fil-fehma tal-Qorti, ma jistax jigi konkluz illi allura l-*car seat* tat-tarbija li mietet ma kienx qieghed sewwa jew li s-*seat belt* taghha kien laxk, ghaliex il-fatt li wahda mietet u l-ohra weggghet, kien jiddependi wkoll mill-mod kif il-vettura Skoda giet milquta mill-vettura l-ohra. Fil-fatt mir-ritratt numru 9, esebit in atti, jidher car illi ghalkemm l-iskontru kien frontali, il-vettura Anglia habtet f'angolu mal-vettura Skoda u mhix qeghda ezattament bi dritta. Id-difiza tghid ukoll illi skond ir-ritratti, il-*car seat* fejn kienet it-tarbija midruba ma kienx qieghed sewwa. F'dan ir-rigward, irid jinghad illi mir-ritratti mehuda fil-fatt jidher appena biss wiehed mill-*car seats* li jigi wara s-*seat* tax-xufier tal-iSkoda (ritratt numru 2). Dan fil-fatt ma kienx il-*car seat* li kienet qeghda fih it-tarbija li mietet, ghaliex mix-xhieda ta' Joseph David Casolani, jirrizulta car illi kien huwa li hareg lit-tarbija l-midruba, u li din it-tarbija kienet tinsab wara ommha,

li da parti taghha kienet qeghda passiggiera fuq quddiem. Il-*car seat* l-iehor fejn kienet qeghda Greta Zammit, ma jidher imkien fir-ritratti esebiti.

Id-difiza tirreferi wkoll ghall-fatt illi mir-rapport tal-awtopsja tal-minuri, jirrizulta illi din kellha "*abrasions over both shoulders*"[56] u ghalhekk skond id-difiza, dan ifisser illi s-*seat belt* kien laxk, bir-rizultat illi mal-impatt it-tarbija hadet skoss il-quddiem, u mbaghad intefghet lura mal-*car seat*. Skond id-difiza, li kieku s-*seat belt* kien marbut kif suppost, it-tarbija ma kinitx tinqala' minn mal-*car seat* u ma kienx jigri dak li fil-fatt gara. Fil-fehma tal-Qorti dawn huma merament kongetturi u xejn hlief spekulazzjoni dwar x'seta' gara u ma garax. Fil-fatt li jirrizulta car, anke mir-ritratti esebiti u mill-istat tal-vetturi wara l-incident, huwa illi l-impatt fuq il-vettura li kien fiha t-tarbija kien tant kbir, li l-griehi sofferti minnha kienu kompletament u perfettament kompatibbli ma' tali impatt. F'kelma wahda, l-impatt kien tali li seta' facilment jikkawza, kif fil-fatt ikkawza, l-griehi riskontrati fuq l-istess minuri, inkluz *fracture* tas-*cervical vertebrae*, tenut kont ukoll imbaghad tal-eta` tenera tal-istess tarbija. Id-difiza mbaghad tirreferi ghar-ritratti bin-numri 8 u 9 minn fejn jidher, skond l-istess difiza, *car seat* wiehed tat-tip li jintuza ghat-tfal u mhux ghal trabi, wara s-*seat* tax-xufier u tghid li fuq in-naha l-ohra tal-vettura ma kien hemm l-ebda *car seat*. Mir-ritratti indikati mid-difiza ma jidher xejn minn dan kollu. Biss jirrizulta car illi z-zewgt itrabi kienu qeghdin f'*car seat* u li t-tnejn kienu marbutin – f'dan is-sens xehdu Rita Zammit (a fol. 66), John Camilleri (a fol. 45) u Joseph David Casolani (a fol. 72 u 73). Issa veru li minn ritratt numru 2 jidher illi l-*car seat* li fih kienet it-tewmija Lynn Zammit kien tat-tip li llum jintuzaw ghal tfal u mhux ghal trabi, izda fic-cirkostanzi, ladarba jirrizulta car illi l-minuri kienu f'*car seat* u wkoll marbuta, ma jistax jigi imputat lill-genituri xi forma ta' negligenza kontributorja f'dan ir-rigward. In oltre m'hemm xejn fl-atti li jindika, kif tissolleva d-difiza, illi l-*car seat* li kienet fih Greta Zammit ma kienx marbut jew li kien impoggi biss fin-nofs minghajr l-ebda tip ta' rbit.

---

[56] A fol. 20 tal-*proces verbal.*

Il-Qorti ser tiskarta wkoll is-sottomissjonijiet tad-difiza fis-sens illi kien hemm *mishandling* tal-minuri wara l-incident de quo u dan meta hija ngarret lejn l-isptar qabel ma waslu l-ambulanzi fuq il-post. Kif diga` inghad, il-griehi li garrbet il-minuri Greta Zammit huma perfettament kompatibbli mal-impatt li kien hemm bejn iz-zewg vetturi in kwistjoni u m'hemm xejn fl-atti li jista' jindika li bhala konsegwenza tal-garr tal-minuri minn terzi persuni sal-isptar, tkabbru l-griehi li kienet garrbet l-istess minuri fl-incident. L-istess jista' jinghad fir-rigward tas-sottomissjoni tad-difiza illi ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt illi l-Anglia hija vettura fabbrikata kollha kemm hi minn hadid, fil-waqt illi l-iSkoda hija maghmula minn materjal hafna izjed artab mill-hadid. Bir-rispett kollu, dan l-argument ma jaghmilx sens. Jirrizulta in oltre illi l-iSkoda kienet ghadha kif inxtrat minn Anthony Zammit dik is-sena stess u li giet manifatturata sena qabel u ghalhekk ma jistax jinghad illi ma kinitx '*safe*' ghall-passiggieri taghha.

Id-difiza ssostni wkoll, fir-rigward tal-griehi sofferti mill-konjugi Zammit, illi huma setghu jevitaw il-griehi sofferti minnhom li kieku libsu *seat belt*, li l-vettura taghhom kienet mghammra bihom. Hawnhekk il-Qorti taqbel mad-difiza fis-sens illi b'izjed diligenza, huma setghu evitaw jew xi whud mill-griehi sofferti minnhom jew almenu l-gravita` taghhom. Jidher illi l-vettura tal-konjugi Zammit kienet mghammra bis-*seat belts* (ritratt numri 2 u 9), izda skond ix-xhieda ta' Rita Zammit, fuq quddiem huma ma kellhomx *safety belt* (a fol. 60 tal-*proces verbal*). Ghalkemm fiz-zmien tal-incident in kwistjoni, huma ma kellhom l-ebda obbligu legali li jilbsu *seat belt*, madankollu la darba l-vettura kienet attrezzatha bihom, huma setghu facilment libsuh. Il-Qorti ser tiehu dan in konsiderazzjoni ghal fini ta' piena, ghalkemm irid jinghad illi fic-cirkostanzi tal-kaz, il-konsiderazzjoni li dan il-fattur ser jinghata hija wahda tassew minima.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda, illi dan l-incident ikkawza l-mewta tragika ta’ tarbija ta’ ghaxar xhur, apparti diversi offizi kemm gravi, kif ukoll hfief fuq persuni ohrajn. Min-naha l-ohra, ikkunsidrat ukoll l-eta` tenera tal-imputat Joseph Camilleri, li kellu biss tmintax-il sena u nofs, meta sehh dan l-incident, incident sfortunat fejn kif inghad, tilfet hajjitha tarbija ckejkna, kawza tal-azzjoni tal-imputat, liema azzjoni madankollu fil-fehma tal-Qorti, ma kinitx attribbwibbli ghal xi tendenza ta’ kriminalita` da parti tieghu. Ghalkemm il-fedina penali tal-istess imputat ma kinitx netta fiz-zmien li twettaq ir-reat in kwistjoni, lanqas ma kienet xi wahda allarmanti u l-Qorti ma tarax illi dan huwa kaz fejn l-imputat ghandu jintbaghat il-habs sabiex jirriforma ruhu. Veru illi mill-fedina penali tieghu, jirrizulta illi meta huwa kellu biss sittax-il sena, huwa nstab hati talli saq vettura minghajr licenza tas-sewqan, izda din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju illi l-konsegwenza tal-azzjonijiet tieghu fil-jum in kwistjoni, huma ta’ rimors ghalih u li ser ikollu jibqa’ jghix bih tul hajtu kollha. Kif inghad f’dan il-kuntest fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**, deciza fl-1 ta’ Marzu 2012, “*Din hija piena fiha nnifisha u l-ebda perjodu l-habs ma jista’ jikkancella dan il-fatt. F’kazijiet ta’ omicidju involontarju l-Qrati taghna kienu dejjem lesti jikkundanaw l-azzjoni imma meta tigi sabiex tikkundanna l-persuna, dejjem raw ic-cirkostanzi partikolari ta’ dak li jkun u kemm il-persuna kienet propensa lejn il-kriminalita jew ma kinitx. F’dan il-kaz il-Qorti hija sodisfatta illi l-appellant m’huwiex xi kriminal. Dan kien incident sfortunat illi halla konsegwenzi tragici izda biex issir gustizzja l-Qorti ma jidirlhiex illi ghandha tmur ghal-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta’ prigunerija effettiva*.”

L-istess irid jinghad f’dan il-kaz. Il-Qorti qieset ukoll dak li rriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza taghha tal-31 ta’ Mejju 2007, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Rigglesford**, fejn inghad hekk:

“*… having considered that, in cases of involuntary bodily harm or homicide, the awarding of suspended prison sentences – particularly to foreigners who like appellant live away from these Islands – is not the best and most suited punishment in the circumstances, as such suspended sentences are mainly*

*intended to ensure the rehabilitation of the offender and to deter him from relapsing – a very unlikely event in case of involuntary offences and accidents*".

In oltre il-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-imputata Mary Camilleri, flimkien ma' zewgha, ossia l-genituri tal-imputat Joseph Camilleri, bieghew proprjeta` immobbli sabiex jaghmlu tajjeb ghall-pretensjonijiet civili tal-vittmi f'somma li teccedi Lm28,000 u li ma kien hemm l-ebda pretensjonijiet pendenti[57]. Qieset ukoll il-pieni li kienu japplikaw taht l-artikoli tal-ligi li dwarhom l-imputat Joseph Camilleri qed jinstab hati, fiz-zmien li sehh l-incident de quo.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 3(1) u 3(3) tal-Kapitolu 104, l-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) u 18(2) tal-Kapitolu 65, l-Artikoli 17, 35(1), 111(2), 225, 226 u 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tal-imputat **Aaron Camilleri**, qed tiddikjara l-proced iment ezawrit, fil-waqt illi fir-rigward tal-imputata **Mary Camilleri** qed issibha mhux hatja tar-reati lilha addebitati taht l-Artikoli 111(2), 225, 226 u 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tar-reat taht l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 u konsegwentement qed tilliberaha minnhom, kif ukoll mill-pieni kkontemplati fl-Artikoli 15(2)(3) u 18(2) tal-istess Kap. 65 u stante illi r-reat taht l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 huwa preskritt, qeghda tigi lliberata wkoll minn kull htija fir-rigward ta' dan ir-reat. Fir-rigward tal-imputat **Joseph Camilleri**, il-Qorti qed issibu mhux hati tar-reat taht l-Artikolu 111(2) tal-Kap. 9 u qed tilliberah minnu u stante illi r-reat taht l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 huwa preskritt, qed tilliberah ukoll minn dan ir-reat, u qed issibu hati tar-reati taht l-Artikoli 225, 226(1)(b), 226(1)(c), 328(a), 328(c), 328(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taht l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal **piena ta' multa ta' erbat elef Euro (€4,000)** (ekwivalenti ghal elf, seba' mija u sbatax-il Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1,717.20)) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Euro

[57] A fol. 242 tal-process.

(€200), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta’ din is-sentenza.  Pero` jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.  In oltre ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tordna **l-iskwalifika tal-hati milli jkollu licenza tas-sewqan ghal zmien hames (5) xhur mil-lum**.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif vigenti fiz-zmien tar-reati odjerni, il-Qorti tordna lill-hati Joseph Camilleri sabiex ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura fil-proceduri u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tat-Tabib Dr. Carmelo Apap Bologna, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------